MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Numru. 36/2007

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

John Baptist Spiteri ta’ 43 sena, iben John u Michelina nee’ Cassar, imwieled Xewkija nhar it-8 ta’ Awissu 1963 u residenti fil-fond numru 46, Triq in-Naggar, Xewkija, detentur tal-karta ta’l-identita’ 37163(G)

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-hawn fuq imsemmi John Baptist Spiteri li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta’ Gunju 2007 ghal habta tal-12:50hrs gewwa l-pjazza San Frangisk, il-Vittorja, Ghawdex:

1. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC1403 Anthony Spiteri bhala ufficjal inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz ai termini ta’l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrifjuta li jaghti jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra ai termini ta’l-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
3. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe’ PC1403 Anthony Spiteri fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.
4. talli fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b’ghajjat u storbju kif ukoll dagha u kliem fahxi.
5. talli fl-istess post, data u hin bil-hsieb li jaghmel ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PC1403 Anthony Spiteri wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi saq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LWY212, liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu.
6. talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura tar-registrazzjoni LWY212, b’manjiera traskurata
7. talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’manjiera bla kont
8. talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’giri aktar milli jmiss.
9. u aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u tal-vetturi.

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha tal-kawza

Rat n-nota ta' rinvju mibghuta mill-Avukat Generali tat-18 ta' Gunju 2008.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti ghandha diversi akkuzi illum quddiemha u dana in konnessjoni ma incident zghir li ma kellux iwassal ghall-iter processwali twil li l-Qorti kellha issewgi ukoll minhabba diversi rinvinji mill-Avukat Generali li hafna minnhom ma kellhom l-ebda utilita' ghall-fini ta' dina l-kawza. Kollox jidher li sehh minhabba l-fatt illi l-imputat waqqaf it-taxi tieghu f'post ipprojbit u dana sabiex it-turisti li kienu rekbin mieghu setghu jieqfu jixtru pakkett sigaretti minn bar fi pjazza San Frangisk gewwa r-Rabat. Jidher illi meta l-pulizija u cioe' il-kuntistabbli Spiteri ordna lill-imputat sabiex isuq minn fejn kien wieqaf, l-imputat ghalkemm obdieh mal-ewwel, xorta wahda jidher illi ilmenta minn dana il-fatt, tant illi l-kuntistabbli baqa' isegwih ghal post fejn waqqaf vicin il-funtana fil-pjazza u tallbu ghal *particulars* tieghu sabiex johroglu l-avviz ghal kontravvenzjoni. Il-Qorti temmen illi l-imputat ma hax gost b'din l-attitudni tal-kuntisabbli, li fuq kollox kien qieghed jaghmel xogholu, u ghalkemm huwa dejjem obda kull ordni li tah l-kuntistabbli u anke ghaddielu l-karta ta'l-identita' tieghu, dana ghamlu b'certu herra ghaliex dehrlu kif ighid huwa stess fix-xhieda tieghu illi l-kuntistabbli ma kellux ghalfejn jaghmel dana, tant illi ghall-ewwel oggezzjoni li isuq minn hdejn it-Tapie's Bar meta qallu illi it-turist kien wasal biex jigi u imbaghad anke oggezzjoni meta l-kuntistabbli tallbu il-karta ta'l-identita. Fil-fatt anke it-turisti li kienu rekbin mieghu, fix-xhieda taghhom ighidu illi semghu lill-imputat u lill-pulizija jitkellmu b'lehen gholi, izda huma ma thassbux illi kien qed jigri xi haga, peress illi skond l-opinjoni taghhom, in-nies mediterranji jitkellmu b'vuci gholja qieshom qed jiggieldu! Madanakollu mix-xhieda okulari kollha li instemghu quddiem il-Qorti ma

jidhirx illi huma innottaw illi kienet ghaddejja xi tilwima jew glieda bejn dawn it-tnejn min-nies. Dana kien incident semplici fejn kuntistabbli kien qieghed johorg avviz ta' kontravenzzjoni u l-imputat kien qieghed juri l-oggezzjoni tieghu ghal dan.

Illi kif diga inghad l-Qorti ghandha quddiemha lista shiha ta' akkuzi, akkuzi li ivarjaw mir-reati kontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali, ghall-akkuza serja ta' attentat ta' offiza gravi u akkuzi ohra ikkontemplati fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta in konnessjoni mas-sewqan ta'l-imputat u finalment anke akkuzi kontravvenzjonali. Fil-fatt l-Avukat Generali jelenka diversi disposizzjonijiet tal-ligi fin-nota tar-rinviju tieghu li tahthom tista' tinstab xi htija fil-konfront ta'l-imputat. Illi l-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tezamina dawn l-akkuzi kollha fid-dawl tal-provi prodotti.

**A. <u>L-akkuzi ai termini ta'l-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

Illi dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn jikkontemplaw reati kommessi kontra ufficjal pubbliku, huma zewg reati ben distinti minn xulxin u l-elementi ta' kull wiehed minnhom ghandhom karatteristici unici. Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. (ara The Police vs John Shayer et deciza fl-14 ta' Novembru 1959, Police vs Joseph Polidano – 7 ta' Frar 1966 Il-Pulizija vs Carmelo Zammit – 23 November 1959 fost ohrajn) "*The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 of the criminal Code* (illum 95 u 96) *does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only in the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed Section 94* (illum 95) *states "while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty,' whilst section 95* (illum 96) *requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a*

*lawful order issued by a competent authority*." (Police vs A.B. Michael Locking deciza 3 ta' Ottubru 1966).

Illi ghalhekk filwaqt illi ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 huwa reat ta' oltragg lil ufficjal pubbliku waqt il-qadi tas-servizz pubbliku tieghu jew minhabba li ikun qieghed jaqdi tali servizz, l-artikolu 96 jipotizza r-reat ta' attakk jew resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita kompetenti. Illi din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-artikolu 95(1) – waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan *is-servizz,* jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-*esekuzzjoni ta' dana is-servizz*. (ara sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali – 9 Settembru 2002).

Illi mill-provi li hemm fl-atti processwali ma jidhirx illi l-imputat f'xi hin attakka jew ghamel xi resistenza b'xi vjolenza jew inkella ipprova ihebb ghal kuntistabbli Spiteri u dana kif previst fit-tielet imputazzjoni. Illi l-imputat kif diga inghad iktar 'il fuq obda kull ordni li giet moghtija lilu mill-pulizija, kemm meta gie mitlub isuq mill-post fejn kien wieqaf illegalment, kif ukoll meta gie mitlub jaghti il-partikolaritajiet tieghu lil pulizija, meta huwa ghadidelu l-karta ta'l-identita' tieghu. Hija l-manjiera kif ghamel dana, illi l-Qorti thoss illi ghanda ticcensura. Illi ma hemmx dubbju illi meta l-imputat waqqaf vicin it-Tapie' Bar huwa kien qed jaghmel dana b'mod illegali. Huwa inutli ghall-imputat li jipprova iressaq id-difiza illi diversi vetturi jieqfu f'dana il-post sabiex jixtru, jew inkella illi huwa kien ser jaghmel dana ghal ftit minuti biss. Il-pulizija kellu kull dritt jitolbu sabiex isuq minn fejn kien. Il-Qorti temmen ukoll illi li kieku l-imputat ma oggezzjonax ghal dan u wiegeb lil kuntistabbli b'mod xieraq, forsi dana l-incident kollu seta' gie evitat. Illi ghalhekk il-Qorti ma ghandha ebda dubbju illi l-imputat bl-agir tieghu ikkometta ir-reat ta' oltragg ghal ufficjal pubbliku kif ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9, mhux biss meta ghajjar lil kuntistabbli "purcinell", izda ukoll bl-agir tieghu meta huwa beda jargumenta mal-pulizija minhabba il-fatt li kien qed johroglu *ticket*. Jekk l-imputat hass illi l-kuntistabbli tal-pulizija kien qieghed jimxi

mieghu b'mod ingust huwa seta' ha il-passi kollha lli kellu dritt jiehu skond il-ligi u mhux billi igib ruhhu hazin mieghu u anke joffendieh. Illi ghalhekk l-ewwel akkuza tirrizulta ippruvatau cioe' illi l-imputat ingurja lill-kuntistabbli 1403 Anthony Spiteri waqt il-qadi ta' dmieru.

**B. <u>L-akkuzi ta' natura kontravvenzjonali.</u>**

Illi t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat hija wahda ta' natura kontravvenzjonali. Illi kif diga inghad iktar 'il fuq, mill-provi ma jirrizultax illi l-imputat irrifjuta li jaghti d-dettalji tieghu lil pulizija jew li tah xi dettalji foloz. L-imputat fil-fatt hareg l-karta ta'l-identita tieghu u urieha lil pulizija, tant illi fil-fatt il-pulizija ha id-dettalji tieghu. Huwa l-mod kif ghamel dana illi huwa censurabbli, izda dana kif inghad jaqa taht ir-reat ikkontemplat fl-ewwel akkuza u mhux il-kontravvenzjoni prevista f'dana l-artikolu tal-ligi.

Illi ghar-rigward tar-raba akkuza, dina ukoll ma gietx ippruvata. Kif diga inghad ix-xhieda okulari li xehdu f'din l-kawza fl-ebda hin ma ighidu illi kien hemm xi ghajjat jew storbju jew inkella li semghu lill-imputat jidghi jew ighid xi kliem fahxi. Fix-xhieda tieghu, il-kuntistabbli 1403, ighid illi l-imputat ghajjru purcinell, izda fl-ebda hin ma ighid illi semghu jidghi jew ighid xi kliem fahxi iehor. L-inglizi, passiggieri tat-taxi, isostnu illi ghalkemm semghu lill-imputat u lill-pulizija jitkellmu b'lehen gholi izda huma ma hassewx illi kien hemm xi glied ghaddej jew xi storbju, anzi ighidu illi ghalihom donnu kien il-mod normali kif nitkellmu ahna il-Maltin! Illi il-kuntistabbli Thornton, ighid illi ra lill-imputat u lill-puliizja qeghdin jargumentaw izda minn fejn kien ma setax jisma' dak li kien qieghed jinghad. L-istess jindikaw iz-zewg xhieda imressqa mid-difiza u cioe' Danny Xerri u Anthony Saliba.

C. **<u>L-akkuza dwar l-offiza gravi fuq il-persuna.</u>**

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta' tenttativ ta' offiza gravi. Illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja,

hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. “Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’l-ghemil tieghu.” (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva illi peress illi f’dana it-tip ta’ reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta’ offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: “the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.” (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid “Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply *in dubbio pro reo*.”

Illi ukoll f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta’ Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet: “Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali taghna, u cioe’ li jista’ ikollok tentattiv ta’ offiza gravi jew tentattiv ta’ offiza gravissima, purche’ jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.

Ghalhekk qabel xejn irid jigi stabbilit jekk fil-mument illi l-imputat dahal fil-vettura tieghu u beda isuq huwa kellux dina l-intenzjoni li jikkaguna xi hsara fuq il-persuna ta’ PC1403. Il-Qorti wara li ezaminat il-provi bir-reqqa

ghandha dubbju illi l-imputat bl-azzjonijiet tieghu kellu l-intenzjoni illi jikkaguna hsara fuq dana il-kuntistabbli tal-pulizija.

Illi irid jigi osservat mal-ewwel illi l-Qorti ghandha verzjonijiet konfliggenti ghar-rigward ta' dak li sehh hekk kif l-imputat saq minn fuq il-post. Il-passiggieri li kienu rekbin fit-taxi u cioe' James Rowles McCartney u Josephine O'Kane ighidu illi l-imputat saq minn fuq il-post b'mod normali u mhux b'xi speed eccessiv tant illi fl-ebda mument ma ighidu li hassewhom f'xi perikolu. Il-kuntistabbli Thornton min-naha tieghu isostni illi t-taxi illi ra qed tinsaq bi speed eccessiv raha sejra lejn Triq il-Vajringa meta ix-xhieda kollha li xehdu f'din il-kawza, inkluz l-imputat, jindikaw illi t-taxi insaqet fid-direzzjoni lejn Ta' Cenc. Illi sahansitra l-vittma stess ighid: "F'dak il-mument huwa dahal gol-karozza, cioe' got-taxi, ghaqqad it-tyres, dar dawra, saq il-vettura fid-direzzjoni tieghi, sussegwentement, ghadda minn mieghi u baqa' sejjer u hu baqa' sejjer fid-direzzjoni tan-naha ta' Sannat." Illi ghalhekk minn dana johrog car illi l-imputat fl-ebda mument ma kellu intenzjoni li iwegga' lil kuntistabbli. Jidher illi huwa dawwar il-vettura sabiex jigi fid-direzzjoni fejn ried imur hu u ghadda minn hdejn il-kuntistabbli. Ix-xhieda okulari l-ohra fl-ebd ahin ma jindikaw illi raw lill-imputat qieghed isuq fid-direzzjoni tal-kuntistabbli u cioe' kemm il-kuntistabbli Thornton, kif ukoll iz-zewg xhieda imressqa mid-difiza. Illi ghalhekk dina l-akkuza certament ma tirrizultax ippruvata u l-imputat ser jigi liberat mill-istess.

D. **<u>L-akkuzi previsti fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

Illi l-istess jista' jinghad ghar-rigward ta'l-ahhar hames akkuzi u cioe' ghar-rigward ta'l-akkuzi konnessi mal-mod kif kien qieghed isuq l-imputat. Kif diga' gie sottolinjat iktar 'il fuq, il-passiggieri li kienu rekbin ma'l-imputat fl-ebda mument ma hassew illi l-imputat f'xi hin saq b'manjiera perikoluza, traskurata jew b'xi speed eccessiv. Huma ighidu illi l-imputat saq b'mod normali u fl-ebda hin ma bezghu mieghu jew hassewhom fil-periklu. Ix-xhud

Thornton kif diga inghad jindika:" Jiena dawwart wicci sabiex inkompli nixtri s-sigaretti u f'mument minnhom gie bniedem li jiena kont nafu, warajja u jiena dort sabiex inkellmu, smajt twerzieq ta' tyres u rajt taxi. Din it-taxi telqet issuq pjuttost mghaggla u telqet tigri lejn Vajringa Street." Ikompli :" Meta fin-notamenti tieghi … jiena nizzilt 'excessive speed' jiena ridt infisser li kien ghaddej bi speed daqsxejn mghaggel." Illi lanqas il-vittma stess fix-xhieda tieghu ma jindika illi s-sewwieq tat-taxi telaq b'xi speed qawwi minn fuq il-post jew b'xi giri jew li ma kellux kontroll tal-vettura tieghu. Huwa ighid illi s-sewwieq ghaqqad it-tyres, dar dawra, saq il-vettura fid-direzzjoni tieghi, ghadda minn mieghi u baqa' sejjer." Fl-ahharnett ix-xhud okulari li ressaq l-imputat in difiza, Anthony Saliba ukoll isostni illi ra lill-imputat isuq b'mod normali: "Jiena lit-taxi imbaghad rajtu qed isuq, dar mar-roundabout, u cioe' dar mal-funtana u baqa' sejjer lejn it-triq ta' Sannat fid-direzzjoni ta' Ta Cenc. Dan saq b'mod normali u fl-ebda hin  ma smajt twerzieq ta' tyres." Illi dana kollu ma jista' qatt iwassal ghal sejbien ta' htija fir-rigward ta'l-ahhar hames akkuzi.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti ta'l-Appelli kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Gellel deciza fid-19 ta' Frar 2004 :
" … kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta, jekk sewqan hux (i) negligenti jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' , u kif jidhru wara xulxin huma l-iskala tas-serjeta' taghhom. Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness'. 'Recklessness' giet definit bhala 'wilfully shutting one's eye'. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehd ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

Illi mill-assjem tal-provi li ingibu quddiem il-Qorti ma jirrizultax illi s-sewqan ta'l-imputat f'xi hin kien jikostitwixxi sewqan perikoluz. Lanqas ma jidher illi l-imputat ma kienx qed juza l-prudenza kollha mehtiega ghaliex anke il-vittma stess ma ighid illi l-imputat kien qieghed isuq b'xi speeed qawwi u lanqas jindika illi f'xi hin seta' kien ta' periklu

ghalih jew ghall-utenti l-ohra tat-triq ghaliex ghadda minn hdejh u baqa’ sejjer.

Illi ghalhekk in vista tal-fatti u tal-motivi hawn fuq esposti, l-Qorti tqies illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova biss l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputat, filwaqt li l-akkuzi l-ohra kollha ma gewx ippruvati u l-imputat ser jigi liberat mill-istess.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 95(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib l-imputat hati ta’l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal ammenda ta’ hamsin ewro (€50) u tilliberah mill-kumplament ta’l-akkuzi kollha l-ohra migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------